MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2008

Citazzjoni Numru. 494/2006

**Mobisle Communications Ltd.**

**vs**

**Plumelec Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma ta’ seba t’elef u disa u hamsin lira Maltija u wiehed u tletin centezmu (Lm 7059.31) – sittax-il elf, erba’ mija u tlieta u erbghin euro u sebgha u sebghin eurocentezmu (€16443.77) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess socjeta` konvenuta Plumelec Limited lil Mobisle Communications Limited, skond Client Contract Number

176246 in rigward ghal servizzi lila rezi mis-socjeta` attrici u dana fix-xhur bejn April 2005 u Lulju 2005.

Illi ghalkemm interpellata diversi drabi biex thallas, u dana anke permezz ta' ittra ufficjali datata 30 ta' Settembru, 2005, is-socjeta` konvenuta xorta wahda baqghet inadempjenti ;

Illi l-fuq imsemmi ammont huwa cert, likwidu u dovut ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif l-istess rapprezentant tas-socjeta` attrici jikkonferma fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu, u li fil-fehma ta' l-atturi, l-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghtu ;

Talbet lill-qorti illi :

Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Tikkundanna thallas lill-atturi s-somma ta' sebat'elef u disa u hamsin lira Maltija u wiehed u tletin centezmu (Lm7059.31) – sittax-il elf, erba' mija u tlieta u erbghin euro u sebgha u sebghin eurocentezmu (€16443.77) rapprezentanti ammont dovut mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici.

Bl-interessi dekorribbli mid-data ta' l-Ittra Ufficjali.

Bl-ispejjez kontra is-socjeta` konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni, inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali fuq imsemmija u tal-Mandat ta' Sekwestru ipprezentat kontestwalment ma din ic-citazzjoni.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process;

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lis-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa' ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza

tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------